**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 131/2017**

**NM u FR ('l-ilmentaturi')**

**vs**

***All Invest Company Ltd.* (C 22239)**

**('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tas-27 ta' Mejju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** tal-ilmentaturi fejn jghidu li kienu xtraw l-investiment minghand *All Invest Co. Ltd.* wara li kien mar id-dar ghandhom is-Sur Wallace Falzon personalment. L-ilmentaturi jghidu li huma ma kienu jifhmu xejn f'dawn it-tip ta' investimenti u kienu joqghodu fuq il-parir li kien joffrilhom is-Sur Falzon.

L-ilmentaturi jishqu li huma dejjem insistew mas-Sur Falzon li l-investiment ikun bla riskju zejjed u li jkun sigur. Jilmentaw li kienu jkunu mgieghla jiffirmaw il-karti minghajr ma jispjegalhom fid-dettall il-kontenut.

Jilmentaw li meta fil-fatt dan l-investiment kien falla, is-Sur Falzon kien mar id-dar taghhom biex jaghtihom din l-ahbar u kienu xxukkjati minhabba li dejjem qalulu u enfasizzaw li l-kapital li kienu qed jinvestu jkun sigur.

Ghaldaqstant, l-ilmentaturi jhossu li gew ittraduti u ngannati mis-Sur Falzon ghax offrielhom investimenti li qatt ma kienu jghoddu ghalihom.

L-ilmentaturi jippretendu li jiehdu lura s-somma li nvestew flimkien mal-interessi minn meta hallas l-ahhar darba sal-lum il-gurnata.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohrajn, in kwantu illi nonostante t-talbiet fl-ilment, il-mertu tal-ilment proprju huwa dikjarat li huwa allegat ta' telf ta' kapital fir-rigward tal-*SNS Subordinated Bond* qed jigi eccepit illi l-esponenti ma hiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentaturi u l-eccepjenti m'ghandha ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hija l-investimenti *de quo* peress illi l-esponenti hija biss intermedjarju u, ghaldaqstant, ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf ta' investiment li seta' garrab;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fit-talba taghhom l-ilmentaturi qed jitolbu s-segwenti: '*Ahna qeghdin nstennew li niehdu lura s-somma li nvestejna flimkien mal-interess minn meta hallas l-ahhar darba sal-lum il-gurnata'*. Ghalhekk isegwi li l-ilmentaturi qed jitolbu l-hlas tal-ammont li vversaw ghall-investiment u, *cioè*, dak ta' €7,914.42 u mhux il-valur nominali tal-investiment;

3. Illi mhuwiex minnu li l-esponenti assigurat lill-ilmentaturi li l-investiment li dwaru tressaq dan l-ilment kien wiehed garantit u wisq anqas li kienu mgieghla jiffirmaw il-karti minghajr spjegazzjoni. Dan ma kienx l-ewwel investiment ghall-ilmentaturi. Di fatti ma hemmx dubju li l-ilmentaturi kienu konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibbli ta' kapital, u ghandhom jerfghu ir-responsabbiltajiet taghhom *qua* investituri billi jerfghu huma l-piz tat-telf allegatament subit, liema telf ghad irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi;

4. Illi l-ilmentaturi kellhom dik l-*experience* u *knowledge* fit-tip ta' investiment relevanti ghall-prodott jew servizz li inghata. Di fatti, l-esponenti analizzat jekk il-prodott jew servizz kienx *appropriate* u di fatti irrizulta li kien;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nazzjonalizz-azzjoni tal-*SNS NV Bank,* u/jew l-esproprju tal-investiment *de quo* bit-telf li dan gab mieghu ghandu jitqies bhala '*casus*';

6. Illi s-socjetà intimata mhijiex responsabbli ghal ebda telf jew dannu li seta' gie soffert mill-ilmentaturi la minhabba nuqqas li thares l-ahjar interess tal-klijenti taghha, la minhabba nuqqas li tadempixxi l-obbligi

legali taghha (inkluz kwalsiasi obbligi regolatorji u/jew kuntrattwali u/jew fiducjarji li seta' kellha) fil-konfront tal-istess ilmentaturi, minhabba xi komportament iehor kif allegat mill-ilmentaturi;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-ilmentaturi**

**Ra li ghall-provditur tas-servizz ma xehed hadd.**

**Ra l-atti l-ohra tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

***Eccezzjoni li l-Provditur tas-Servizz mhux il-Legittimu Kontradittur***

Il-provditur tas-servizz jghid fir-risposta tieghu li galadarba l-ilmentaturi qed jghidu li garrbu telf fuq il-kapital fl-*SNS*, il-provditur tas-servizz mhux il-legittimu kontradittur peress li ma kienx hu li ggestixxa l-investiment.

L-Arbitru ma jistax jilqa' din l-eccezzjoni ghaliex l-ilment mhuwiex li l-provditur tas-servizz iggestixxa hazin l-investiment imma li l-provditur tas-servizz biegh lill-ilmentaturi prodott hazin ghaliex ma kienx addattat ghar-riskji li riedu jiehdu. Riedu prodott fejn il-kapital ikun sigur u jghidu li l-prodott li nbieghilhom ma kienx joffri dan.

M'hemm l-ebda dubju li kien hemm din ir-relazzjoni guridika bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz. Kemm mill-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet kif ukoll mid-dokumenti esebiti bhall-*Purchase Contract Note* u l-*File Note* tirrizulta relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

Barra minn hekk, kien qed jagixxi ta' principal u mhux ta' intermedjarju peress li l-ilmentaturi qed ifittxuh bhala provditur tas-servizz finanzjarju li kien qed jaghti pariri u jbiegh prodotti finanzjarji in forza tal-licenzja li kellu mill-*MFSA* biex jaghmel dan.

Il-provditur ma ressaq l-ebda provi biex jissustanzja din l-eccezzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[1]**

F'dan il-kaz, bhala provi, l-Arbitru ghandu biss il-provi tal-ilmentaturi ghax il-provditur tas-servizz ma ressaq l-ebda provi biex jissostanzja l-eccezzjonijiet li ta fir-risposta tieghu.

***Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi***

L-Arbitru ghandu l-*affidavit* ta' NM,[2] li xehdet li l-prodott li qed isir l-ilment dwaru kien inbiegh b'mod kongunt lilha u lil zijitha, FR, li fil-mument kellha 80 sena u sahhitha ma hallithiex tixhed.

L-ilmentatrici, NM, xehdet li llum hi ukoll pensjonanta u zijitha kienet hajjata u t-tnejn li huma ma kinux jifhmu fi prodotti finanzjarji u, ghalhekk, dak li hemm fil-*File Note* li kellhom l-*experience and knowledge* ma kienx minnu, u li kienet xtrat hi qabel kienu xi *Stocks* tal-Gvern jew xi prodotti simili kkwotati fuq il-Borza ta' Malta.

Zijitha kellha xi somma flus li xtaqet tinvestiha u Wallace Falzon mar id-dar taghhom biex jinvestu. Xi membri ohra tal-familja kienu nvestew ma' Wallace Falzon u, ghalhekk, kienu jafuh. Meta mar ghandhom, l-ilmentatrici qaltlu li huma ma kinux sinjuri u zijitha kienet qed tinvesti dawk il-flus biex meta tigi biex tidhol f'dar tal-anzjani jkollha biex thallas. Kien ghalhekk li ma riedux jirriskjaw flushom.

Kellha somma ta' €24,000 li hadithom meta immaturatilha polza tal-assikurazzjoni. Hu kien ippropona li €15,000 minnhom taghmilhom mal-*Commerce Bank Bond* u d-€9,000 fl-*SNS Bank* NV 6.25% 2020. Huma qalulu li kienu ser joqghodu fuq il-parir tieghu.

---

[1] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[2] *A Fol.* 55 *et seq*

Beda jimla u jimmarka d-dokumenti li ma kinux jafu x'inhuma. Qatt ma qralhom jew spjegalhom dawn id-dokumenti. Xi dokumenti minnhom ircevewhom wara bil-posta.

Fil-bidu tas-sena 2013, cemplilhom u qalilhom li kien sejjer id-dar taghhom u kien hemm li infurmahom li l-Gvern Olandiz kien hataf f'idejh il-Bank u qalilhom li kien difficli jirkupraw flushom.

F'Gunju 2013, *All Invest Co. Ltd.* infurmawhom li l-licenzja taghhom tal-*MFSA* kienet giet sospiza.

Ma kinux jafu x'ifissru kliem bhal '*promotion and selling', 'subordinated bond'* u '*unsecured'.*

Huma kienu qaghdu fuq il-parir tas-Sur Falzon u, ghalhekk, ma fehmux ghalfejn gie ddikjarat li huma ma kinux talbu parir minghandu. Huma ma inghatawx dak li talbu mill- tas-servizz, jigifieri, prodott fejn il-kapital ikun garantit. Apparti li hi u zijitha kienu tilfu €9,000, huma tilfu wkoll l-imghax. Huma talbu li jinghataw din is-somma lura.

Il-verzjoni li taw l-ilmentaturi mhi bl-ebda mod kontradetta b'xi xhieda tal-provditur tas-servizz li ghazel li ma jressaq l-ebda provi.

Ghalhekk, l-Arbitru jrid jara jekk il-verzjoni li taw l-ilmentaturi u t-talbiet li qed jaghmlu humiex gusti, ekwi u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

***L-Analizi tal-SNS***

In-*Notes* ***6.25% SNS Bank NV 2010-2020*** (*ISIN: XS0552743048*) (*SNS*) inhargu minn *SNS Bank N.V.* fis-26 ta' Ottubru 2010, b'data tal-maturità 26 ta' Ottubru 2020. Il-kupun kien 6.25% fis-sena. Kellhom *status* ta' *Tier 2 Subordinated*.

L-*SNS Reaal* hija l-*holding company* ta' *SNS Bank* u kumpanija tal-assikurazzjoni *REAAL N.V.* Il-pozizzjoni finanzjarja ta' *SNS REAAL* iddeterjorat matul is-snin b'mod partikolari minhabba l-attività diretta fil-proprjetà minn *SNS Property Finance* li *SNS Bank* kien xtara fis-sena 2005.

Id-diprezzament tal-valur tal-portafoll ta' din is-sussisdjarja wassal biex *SNS* jigi nazzjonalizzat fl-1 ta' Frar 2013 b'digriet mill-istat Olandiz.

**Fuq perjodu ta' tliet snin qabel ma kien nazzjonalizzat, l-operat u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *SNS Bank* kienu taht skrutinju minn diversi *rating agencies*. Minn zmien ghal zmien, uhud minn dawn l-agenziji ikkummentaw ta' spiss dwar il-qaghda tal-bank u sahansitra baxxew ir-*ratings* fuq il-bank u l-*bonds* mahruga minnu.**

**Kienu wkoll qed ibassru li *subordinated bonds* – li l-banek johorgu biex isostnu l-livelli tal-kapital taghhom - jistghu ma jkollhom lil hadd min isostnihom f'kaz li l-bank li jkun qed johrog il-*bond* ma jasalx biex ihallas. *Subordinated bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni.**

**Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u *senior creditors*. Il-fatt li dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.**

Il-fatt li *SNS Bank* kien *a systemically important bank* fl-Olanda ma kienx ifisser li akkost ta' kollox l-istat kien ser jerga' jaghti sostenn finanzjarju lill-bank wara dak li ghamel fis-sena 2008.

Fil-mument li l-bank gie nazzjonalizzat, l-istat kien ghadu ma thallasx kollox minn *SNS* fir-rigward ta' din l-ghajnuna finanzjarja li inghata.

Apparti dan, il-fatt li kien digà wiezen lil *SNS* b'sostenn finanzjarju, kien digà indikazzjoni tal-istat finanzjarju tal-bank. Tant hu hekk, li f'nofs is-sena 2012, il-bank kien habbar li kien qed jesplora possibiltajiet biex isahhah il-pozizzjoni tal-kapital tieghu. Anke f'nofs dik l-istess sena, l-istat Olandiz introduca ligi gdida b'aktar ghodda biex ikun jista' jimmanuvra istituzzjonijiet finanzjarji bi problemi. Huwa veru li hadd ma kien qed ibassar li l-istat kien ser juza din il-ligi ghall-ewwel darba fir-rigward tal-*SNS,* jew inkella jivvaluta ghal zero l-ishma u l-*bonds subordinated* tal-bank.

Imma l-bank kien digà kellu problemi serji qabel ma sar l-investiment fih minn *All Invest Company Ltd.* ghall-ilmentaturi. *Subordinated bond* huwa dejjem meqjus bhala investiment riskjuz.

***Jekk l-SNS kellux jinbiegh lill-Ilmentaturi***

Kif xehdet NM,[3] mhux kontradetta, huma riedu investiment li kellu l-kapital garantit u ghamluha cara mal-provditur tas-servizz li specjalment FR riedet tibza ghall-flus ghax ridithom ghal meta jkollha tidhol f'dar tal-anzjani biex ikollha biex thallas.

Ghalkemm is-servizz gie deskritt mill-provditur tas-servizz bhala *promotion and selling*, dan qatt ma ntqal lill-ilmentaturi tant li wahda minnhom xehdet li lanqas biss kienet taf xi jfissru dawn il-kliem.

Jidher car li l-provditur tas-servizz ried juza dan is-servizz biex minghalih ma jassumix responsabbiltà billi jghid li ma kienx ta parir.

Imma, peress li l-ilmentaturi kienu *retail clients* li kellhom bzonn il-parir tieghu u, ghalhekk, fittxew is-servizzi tieghu, riedu u qaghdu fuq il-parir tieghu. Zgur li ma kinux semghu bl-*SNS* ghax wahda mill-ilmentatrici kellha biss xi flus investiti fi *Stocks* tal-Gvern u f'*bonds* fuq il-Borza ta' Malta.

Barra minn hekk, wahda kienet infermiera u l-ohra hajjata. Ghalhekk jitwemmen dak li ntqal fl-*affidavit* ta' NM, jigifieri li qatt ma kienu semghu bi kliem bhal '*subordinated bond'* u '*unsecured'* u '*promotion and selling'* li kienu fid-dokumenti li ffirmaw.

Il-provditur tas-servizz naqas ukoll meta gieghelhom jiffirmaw dokumenti li ma qralhomx u lanqas spjegahomlhom. Lanqas gie spjegat l-investiment, in-natura tieghu u r-riskji marbuta mieghu. Dan gara ghax kif xehdet NM, hu qalilhom biex jiffirmaw dokumenti li lanqas biss spjegalhom.

Il-provditur tas-servizz naqas ukoll milli jipprova li l-ilmentaturi kellhom '*the knowledge and experience'* biex jifhmu n-natura tal-investiment u jkunu f'pozizzjoni libera li jiehdu decizjoni li jinvestu fih.

Kollox juri li l-*SNS* ma kienx investiment li kellu jinbiegh lill-ilmentaturi u, ghar-ragunijiet kollha msemmija, sehh *misselling* tal-prodott; dan l-aktar meta jitqies il-profil tal-ilmentaturi u l-aspettattivi taghhom mill-istess prodott.

[3] *A Fol.* 55 *et seq*

**Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jqis li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**L-ilmentaturi kienu investew is-somma ta' €7,925.22.[4]**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jordna lil *All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' sebat elef, disa' mija u hamsa u ghoxrin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€7,925.22).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[4] *A Fol*. 12